A.L. 226 ta' l-2006

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjal li jiġi f'Kuntatt ma' Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Isem u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjal li jiġi f'Kuntatt ma' Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Materjal li jiġi f'Kuntatt ma' Oġġetti ta' l-Ikel, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 138 ta' l-2003.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-20 ta' Mejju, 2007.

Skop.

2. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/31/KE tad-29 ta' April, 2005.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. It-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fid-disposizzjonijiet taħt l-intestatura "Ċeramika", minnufih wara l-paragrafu 8, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi li ġejjin:-

"9. Fl-istadji minn meta jkunu qiegħdin jitpoġġew fis-suq sa u inkluż l-istadju tal-bejgħ bl-imnut, dawn l-artikoli taċ-ċeramika li jkunu għadhom m'humiex f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel għandu jkollhom magħhom dikjarazzjoni bil-miktub skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Dik id-dikjarazzjoni għandha tinħareġ mill-manifattur jew minn bejjiegħ stabbilit fil-Komunità u għandu jkollha l-informazzjoni stabbilita f'Parti Ċ ta' din l-Iskeda.

10. Dokumentazzjoni adatta biex turi li l-artikoli taċ-ċeramika jkunu jikkonformaw mal-limiti ta' migrazzjoni taċ-ċomb u l-kadmju mniżżlin fil-paragrafi 4 sa 8 għandhom, meta ssir talba għalihom, ikunu disponibbli mill-manifattur jew mill-importatur li jdaħħalhom fil-komunità għall-Kummissjoni dwar Sigurtà fl-Ikel. Dik id-dokumentazzjoni għandu jkollha r-riżultati ta' l-analiżi li tkun saret, il-kundizzjonijiet tat-test u l-isem u l-indirizz tal-laboratorju li jkun għamel l-ittestjar.";

(b) minflok il-Parti B, għandu jidħol dan li ġej:-

"PARTI B

Metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni tal-migrazzjoni taċ-ċomb u l-kadmju

1. **Skop u qasam ta' applikazzjoni**

Il-metodu jippermetti l-migrazzjoni speċifika ta' ċomb u/jew kadmju li għandha tiġi determinata.

2. **Prinċipju**

Id-determinazzjoni tal-migrazzjoni speċifika taċ-ċomb u/jew il-kadmju ssir b'metodu ta' analiżi strumentali li jissodisfa l-kriterju ta' operat ta' punt 4.

3. **Reaġenti**

– Ir-reaġenti kollha għandhom ikunu ta' kwalità analitika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

– Meta ssir referenza għall-ilma, din għandha tfisser dejjem ilma distillat jew ilma ta' kwalità ekwivalenti.

3.1. *4 % (v/v) aċidu aċetiku, f'soluzzjoni milwiema*

Żid 40 ml ta' aċidu aċetiku glaċjali ma' l-ilma u kompli żid bl-ilma sakemm tasal għal 1000 ml.

3.2. *Soluzzjonijiet maħżunin*

Lesti soluzzjonijiet maħżuna li jkun fihom 1000 mg/litru ċomb u mill-inqas 500 mg/litru kadmju rispettivament f'soluzzjoni li fiha 4 % aċidu aċetiku, kif imsemmi fil-punt 3.1.

4. **Kriterji ta' operat tal-metodu strumentali ta' analiżi**

4.1. Il-limitu ta' skoperta fil-każ ta' ċomb u kadmju għandu jkun daqs jew inqas minn:

– 0,1 mg/litru fil-każ taċ-ċomb,

– 0,01 mg/litru fil-każ tal-kadmju.

Il-limitu ta' skoperta hu definit bħala l-konċentrazzjoni ta' l-element fis-soluzzjoni ta' 4 % aċidu aċetiku, kif imsemmi fil-punt 3.1, b'sinjal ugwali għad-doppju tal-ħoss fl-isfond ta' l-istrument.

4.2. Il-limitu ta' kwantifikazzjoni għaċ-ċomb u kadmju għandu jkun daqs jew inqas minn:

– 0,2 mg/litru fil-każ taċ-ċomb,

– 0,02 mg/litru fil-każ tal-kadmju.

4.3. *Irkupru*. L-irkupru ta' ċomb u kadmju miżjudin mas-soluzzjoni ta' 4 % aċidu aċetiku, kif imsemmi fil-punt 3.1, għandu jkun bejn 80-120 % ta' l-ammont miżjud.

4.4. *Speċifiċità*. Il-metodu strumentali ta' analiżi użat għandu jkun ħieles minn interferenza matriċi u spettrali.

5. **Metodu**

5.1. *Preparazzjoni tal-kampjun*

Il-kampjun għandu jkun nadif u ħieles minn grass jew materja oħra li x'aktarx jaffettwaw it-test.

Aħsel il-kampjun f'soluzzjoni li jkun fiha deterġent likwidu użat fid-dar f'temperatura ta' xi 40°C. Laħlaħ il-kampjun l-ewwel f'ilma tal-vit u mbagħad f'ilma distillat jew ilma ta' kwalità ekwivalenti. Neħħi l-ilma u ħalli jinxef biex tevita li jibqgħu xi tbajja' . Is-superfiċje li għandha tkun ittestjata m'għandhiex tintmess wara li tkun tnaddfet.

5.2. *Determinazzjoni ta' ċomb u/jew kadmju*

– Il-kampjun preparat b'dan il-mod jiġi ittestjat skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'PARTI A.

– Qabel ma tieħu s-soluzzjoni għall-ittestjar biex tistabbilixxi ċ-ċomb u/jew il-kadmju, omoġenizza l-kontenut tal-kampjun b'metodu adatt li jevita kull telf ta' soluzzjoni jew brix tas-superfiċje li tkun qiegħda tiġi ttestjata.

– Agħmel test in bjank fuq ir-reaġent użat għal kull serje ta' determinazzjoni.

– Agħmel determinazzjonijiet għaċ-ċomb u/jew għall-kadmju taħt kundizzjonijiet adatti."; u

(ċ) minnufih wara l-PARTI B, għandha tiżdied din il-PARTI Ċ li ġejja:-

"PARTI Ċ

DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ

Id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 9 għandu jkun fiha din l-informazzjoni li ġejja:

1. l-identità u l-indirizz tal-kumpanija li timmanifattura l-artikolu taċ-ċeramika lest u ta' l-importatur li jimportah fil-Komunità;

2. l-identità ta' l-artikolu taċ-ċeramika;

3. id-data tad-dikjarazzjoni;

4. il-konferma li l-artikolu taċ-ċeramika jilħaq ir-rekwiżiti rilevanti ta' dawn ir-regolamenti u tar-Regolament (KE) Nru. 1935/2004.

Id-dikjarazzjoni bil-miktub għandha tippermetti identifikazzjoni faċli ta' l-oġġetti li tkun inħarġet dwarhom u għandha tiġġedded meta bidliet sostanzjali fil-produzzjoni jġibu magħhom bidliet fil-migrazzjoni taċ-ċomb u l-kadmju." .